MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 996/1993/2

**Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Nazzareno Vassallo u l-Avukat Aldo Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Vassallo Builders Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuti *nomine*, fit-13 ta' Marzu 1992, waqt li kienu qed ihaffru hdejn Vassallo Builders Limited,

Mosta, laqtu “*high tension cable*” proprjeta` ta’ l-attur *nomine*;

Premess illi d-danni sofferti mill-attur *nomine* bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi *cable* jammontaw ghal Lm738.545 (seba’ mija u tmienja u tletin Liri Maltin erbgha u hamsin centezmu u hames millezmi);

Premess illi ghalkemm il-konvenuti *nomine* gew interpellati permezz ta’ ittra legali datata 26 ta’ Marzu 1993 u ittra ufficjali datata 5 ta’ Mejju 1993 huma baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsara kkawzata f’proprjeta` ta’ l-attur *nomine* hdejn Vassàllo Builders Ltd, Mosta, fit-l3 ta’ Marzu 1992;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur *nomine* s-somma ta’ Lm738.545 in linea ta’ danni sofferti mill-attur *nomine* bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta` kif fuq premess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 26 ta’ Marzu 1993 u ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Mejju 1993, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal—konvenuti *nomine* li permezz taghha huma eccepew:-

Fl-ewwel lok illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*, stante li socjeta` kummercjali qatt ma tista’ tinstab

responsabbli ta’ danni naxxenti minn allegat tort jew quasi-tort tad-dipendenti taghha;

Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur *nomine*, stante li l-eccipjenti *nomine* ma kienu bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati mill-Korporazzjoni attrici, u dana kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, illi l-ammont ta’ danni pretizi mill-attur *nomine* huwa ferm esagerat;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet ta’ l-20 ta’ Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Frank Chetcuti biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tat-22 ta’ April 1996 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tghin lill-perit legali fil-gbir tal-provi;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit legali li tinsab a fol. 35 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-28 ta’ Jannar 1998;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Kif prezentement redatt l-Artikolu 27 tal-Ligijiet tal-Pulizija jissanzjona fl-ewwel subinciz tieghu illi “hadd ma jista’ jibni jew jaghmel tahfir li jmiss ma’ triq jew f’boghod ta’ hmistax-il metru minn triq, minghajr qabel ma jaghti avviz

ta' dan lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta." Precedentement ghall-emenda bl-Att XXIII tas-sena 2000 avviz bhal dan ried jinghata lid-Direttur tax-Xoghlijiet;

Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Anthony Ventura *nomine* –vs- Raymond Galea *et***", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996, kemm sid l-art fejn isir it-tahfir kemm il-kuntrattur inkarigat mix-xoghlijiet kellhom l-obbligu li jassikuraw u josservaw id-dettal ta' dan l-artikolu tal-ligi biex ma ssirx hsara fi proprjeta` ta' haddiehor u dippju li jimxu fuq l-istruzzjonijiet moghtija. Jekk dan ma jaghmluhx u jigri l-event dannuz ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-akkadut u dana solidalment;

Il-perit legali nominat f'din l-istanza tajjeb analizza l-provi u sewwa wkoll applika l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ghall-fatti rizultanti, tenut ukoll qies tal-hsieb gwida fil-precitata decizjoni, anke jekk ma jaghmelx espressa referenza ghaliha;

Mill-provi jirrizulta li trattasi ta' hsarat f'zewg *cables* ta' l-elettriku, u cjoe *high tension cable* u *pilot cable*, fil-kors ta' l-iskavar ta' sit ta' art biex is-socjeta` konvenuta tikkonvertiha f'*parking area*;

Ghal dak li hu valevoli mill-perspettiva tar-regolament tal-ligi fuq citat jirrizulta qabel xejn mid-deposizzjoni ta' Manwel Cassar (fol. 69), Technical Officer II mal-Korporazzjoni attrici, illi l-procedura adoperata kienet is-segwenti:

"Fl-1988 il-procedura tal-permess ghat-thaffir kienet issir permezz ta' telefonata lilna u ahna konna nibghatu l-persuna inkarigat mill-pjanti tal-*cable*s biex tindika lil min qed jitlob permess dwar il-posizzjoni tal-*cable*s. L-applikant kien igib formola hadra tal-permess minghand il-Pulizija u wara li ssir il-verifika tal-*cable*s konna niffirmaw l-applikazzjoni. Ir-rapprezentant taghna kien jimmarka biz-zebgha fuq l-art fejn qeghdin il-*cable*s, u jibqa' fuq il-post waqt li qed isir it-thaffir."

Kemm dan ix-xhud kif ukoll Paul Galea, Technical Officer II fuq id-distrett tal-Mosta (fol. 63), jikkonfermaw illi huma qatt ma rcevew xi talba ghall-informazzjoni jew permess dwar ix-xoghol li kien ser isir, u li fil-fatt sar fit-13 ta’ Marzu 1992;

John Bonavia (fol. 85), Direttur u Works Manager tas-socjeta` Vassallo Earthworks Ltd, u l-uniku xhud prodott mis-socjeta` konvenuta, jistqarr li hadd ma kien avzah li kien ghaddej *cable* minn gol-proprjeta` privata fejn kien qed isir ix-xoghol. Din tidher li kienet l-unika difiza tas-socjeta` konvenuta, sostenuta wkoll mill-ittra datata 8 ta’ Jannar 1993 (Dok. AV1, fol. 71) fejn inghad illi meta fl-1988 intalab lill-Enemalta biex tindika fejn kienu l-*cable*s fuq is-sit ta’ l-art, din l-informazzjoni u indikazzjoini ma gietx provvduta;

Issa apparti l-fatt li s-socjeta` konvenuta tittrincera ruhha wara din l-iskuzanti *ex post facto* l-akkadut, ragjonevolment, kif gustament irrileva l-perit legali, dejjem s’intendi jekk tabilhaqq ir-rikjesta li saret fl-1988 kienet dwar l-indikazzjoni tal-*cable*s, ma jistax jitqies verosimili li l-persuna minn naha tal-Korporazzjni li accediet fuq il-post ma indikatx is-sit fejn kienu sitwati l-*cable*s. *Multo magis*, imbaghad meta, kif jirrizulta, l-istess socjeta` konvenuta kellha indikazzjoni evidenti bizzejjed bil-presenza ta’ “*warning slabs”* appozitament servjenti bhala indikaturi tal-presenza tal-*cable*s. *Slabs* li nstabu mkissra meta l-haddiema tal-Korporazzjoni accedew fuq il-post biex jikkostataw id-dannu;

Dan premess, dak li johrog car mill-provi hu l-fatt illi l-hsara fil-*cable*s avverat meta dawn intlaqtu bil-gaffa fil-kors ta’ l-iskavar fil-proprjeta` tas-socjeta` konvenuta. Kif allura sewwa wkoll issottometta l-perit legali ghal dan il-fatt hi responsabbli s-socjeta` konvenuta fuq l-istregwa tal-principju dettat fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jrid u jiddetta li “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”. Ghall-applikazzjoni ta’ dan il-principju “*occorre non solo il fatto ma anche la colpa, la inescusabile leggerezza*” (**Vol. XXVI P I p 405**). Htija din li fil-kaz prezenti, kif fuq manifest, tirrisjedi proprju fil-fatt illi s-

socjeta` konvenuta injorat d-dettam tar-regolament u ta' l-obbligu li taccerta ruhha li qabel ma jsiru skavi jkollha l-permess ta' l-awtorita` kompetenti u l-presenza ta' ufficcjal tal-Korporazzjoni biex jassiguraha li ma jkunx hemm riskju li jintlaqat xi *cable*, kif fil-fatt sehh;

Issa dwar l-eccepita rresponsabilita` fuq il-bazi li socjeta` kummercjali ma tistax tinstab fi htija ghal delitt jew kwazi-delitt, din il-Qorti ssib li l-esposizzjoni gurisprudenzjali li ghamel il-perit legali, u l-kummenti ta' l-istess perit dwar id-direttivi emergenti minn din l-esposizzjoni, jikkonformaw ghall-istat guridiku attwali fuq din it-tematika;

L-argoment hu ben traccjat fis-sentenza citata fl-ismijiet "**Victor Galea –vs- Marin J. Hili *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef J. Said Pullicino, 1 ta' Otturbu 1996;

F'din id-decizjoni l-Qorti kienet telqet mill-punt ta' partenza tat-tifsira tal-kelma "persuna" traccjata fl-Artikolu 4 (d) ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249), segwiet l-insenjamenti dottrinali moderni, l-aktar tal-pajjizi Anglo-Sassoni, ezaminat il-kuncett tar-responsabilita` fuq zewg livelli, jigifieri dak tad-diretturi personalment u dak tad-diretturi in rapprezentanza tas-socjeta` minnhom gestita, osservat li l-Artikolu 1031 fuq referit ma jiddistingwix bejn persuna fizika u persuna morali, biex imbaghad ikkonkludiet illi fil-kaz tad-danni *ex quasi delictu* fejn dawn jitnisslu minn xi negligenza, traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti inerenti ma' l-operazzjonijiet kummercjali gestita mis-socjeta` dik l-istess socjeta` ghandha twiegeb ghalihom;

Din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax l-fatt ironiku illi fl-istess gurnata li nghatat din id-decizjoni, kien hemm gudikat iehor fejn inghatat eccezzjoni konsimili, pero` din id-darba sollevat mill-Korporazzjoni Enemalta. Dan fil-kaz "**John Farrugia *et* –vs- Perit Joe Ellul Vincenti *nomine***", li mal-kaz din il-Qorti kif presjeduta hi familjari billi bhala avukat kienet qed tippatrocina lill-atturi;

Kif rilevat mill-perit legali l-posizzjoni guridika stabbilita fil-precitata sentenza ma kienetx wahda invarjabbli billi fl-antecedenti ghaliha l-kriterju segwit kien dak li azzjonijiet li jitwieldu mill-kummissjoni ta' delitt jew kwazi-delitt ma jistghux jigu proposti kontra entita` legali. Fil-fatt kienu jsostnu illi ghad-delitti jew kwazi-delitti ma jista' jirrispondi hadd hlief min jaghmilhom, u biex jirrispondi min jimpjega irid jigi provat li huwa qabbad persuna inidonea u nkapaci li taghmel dak ix-xoghol;

Mal-lista ta' kawzi referenzjati mill-perti legali jistghu jissemmew ukoll dawk fl-ismijiet "**Albert Victor Mallia *nomine* –vs- Dottor Emilio Parma *et nomine***", Appell Kummercjali, 9 ta' Dicembru 1968 u "**A. Farrugia proprio *et nomine* –vs- Sammy Meilaq *nomine et***", Appell Civili, 13 ta' Mejju 1994;

Din il-Qorti tinklina versu l-ahhar taghlim u gwida gurisprudenzjali fuq is-suggett u taghraf fiha precizazzjoni guridika aktar korretta fondata fuq koncetti dottrinali progressivi u konsiderazzjonijiet ta' dritt aktar rigwardevoli anke fis-sistema legali taghna u r-regoli u l-principji taghha;

Fuq il-kwantum tal-hsara l-attur *nomine* ccirkoskriva d-danni ghal spejjez ta' materjal uzat biex issir ir-riparazzjoni u l-impjieg ta' *mano d'opera* essenzjalment *jointers* ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. Ara fir-rigward deposizzjoni ta' Silvio Decelis (fol. 86 u fol. 97), A.O. fl-Accounts Section tal-Korporazzjoni attrici;

F'dan il-kuntest dina l-Qorti tikkondividi wkoll il-fehma tal-perit legali illi l-percentagg ta' "*Corporation charges*" ghal *contingencies* kien in effett eccessiv u allura ghamel sewwa l-perit gudizzjarju li adopera r-regola ta' l-*arbitrio boni viri* ghal dan ir-ras tad-danni pretizi. Il-Qorti tikkonkorda wkoll illi l-ammont dovut ghandu jkun dak totalizzanti s-somma ta' sitt mija u sitta u tmenin lira Maltija, tmienja u erbghin centezmu (Lm656.48,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, wara li qed tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati, takkolji d-domandi attrici billi fl-ewwel lok tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghal hsara fil-*cable*s tal-Korporazzjoni Enemalta meta dawn intlaqtu fit-13 ta’ Marzu 1992 fil-kors ta’ xoghlijiet ta’ sakvar;

Fit-tieni lok tillikwida d-danni subiti fl-ammont ta’ sitt mija sitta u hamsin lira Maltija, tmienja u erbghin centezmu (Lm656.48.0);

Finalment tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat in linea ta’ danni, bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (23 ta’ Ottubru 1993).

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------